

31989D0545

13.10.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 295/8

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL  
tal-21 ta' Ġunju 1989**

**dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Supplementari tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda li tikkonċerna l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi eżistenti u l-prevenzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda li jaffettwaw esportazzjonijiet jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti**

(89/545/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda<sup>(1)</sup>, iffirmit fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1972, ma jipprovdix għall-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi li jaffettwaw esportazzjonijiet u miżuri li għandhom effett ekwivalenti;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' materji primi u merkanzija billi jneħħu xi restrizzjonijiet u miżuri bħal dawn u billi jipprevienu l-ħolqien ta' restrizzjonijiet jew miżuri ġodda li jaffettwaw il-kummerċ tagħhom bejn xulxin;

Billi huwa meħtieġ kemm li jsiru arranġamenti għal tneħħija f'fażijiet ta' restrizzjonijiet korrenti li jaffettwaw ċerti prodotti jew miżuri billi jkollhom effett ekwivalenti u kif ukoll li jiġi pprovdut għal miżuri ta' salvagward fil-każ jew ta' esportazzjoni mill-ġdid lejn pajjiżi terzi kontra liema l-Parti fil-Kuntratt li qed jesporta iżomm restrizzjonijiet jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti jew fil-każ ta' nuqqas serju ta' prodott partikolari;

Billi taħt l-Artikolu 33(1) tal-Ftehim, il-Partijiet fil-Kuntratt jistgħu, fl-interess ta' l-ekonomiji tagħhom, jiżviluppaw ir-relazzjonijiet stabbiliti mill-Ftehim billi jestenduh għal oqsma mhux koperti minnu;

Billi l-Kummissjoni żammet negozjati mar-Repubblika ta' l-Iżlanda, li rrisultaw fi Protokoll,

*L-Artikolu 1*

Is-Supplimentari tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda li jikkonċerna l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi eżistenti u l-prevenzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda li jaffettwaw esportazzjonijiet jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jibgħat n-notifika pprovduta fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Supplementari.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1989.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ARANZADI

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, tal-31.12.1972, p. 2.